- *APPALT –*
- *EXTRA WORKS –*
- *RELAZZJONI PERITALI –*
- *SAFETY CERTIFICATE -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Marzu, 2002**

**Kawza Numru: 20**
**Citazzjoni Numru: 2025/95/RCP**

**Atlas Tool Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Pace and Mercieca Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici kienet dahlet f'kuntratt ta' appalt mas-socjeta' konvenuta f'Jannar tal-1993 bil-prezz ta' disat elef u hames mitt Lira Maltin (Lm9,500);

U illi s-socjeta' attrici lestiet dan ix-xoghol kif xtaqet is-socjeta' konvenuta;

U li s-socjeta' konvenuta xtaqet u ordnat li jsiru xi xoghlijiet *extra*, liema xoghlijiet gew esegwiti mis-socjeta' attrici, u liema xoghlijiet *extra* huma dawk elenkati taht il-kelma *"extras"* fl-*invoice* tal-erbgha (4) ta'Awissu 1995, (Dok. A);

U li l-prezz ta' dawn ix-xoghlijiet *extra* jammonta ghal sitt elef, sitt mija u sittin Lira Maltija (Lm6,660);

U li s-socjeta' konvenuta ghadha ma hallsitx lis-socjeta' attrici ta' dan ix-xoghol *extra* ordnat, anke wara li giet interpellata ufficjalment b'ittra ta' Gunju ta' l-1995;

U illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u esigibbli;

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex dina il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-**Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

(2) Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u sittin Lira Maltija (Lm6,660) prezz ta' xaghol *extra* ordnat mis-socjeta' konvenuta fuq kuntratt ta' appalt, kif fuq inghad flimkien ma' l-imghax kummercjali mill-erbgha ta' Awissu tal-1995, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija, kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tal-1 ta' Dicembru 1995 fejn is-socjeta' konvenuta nghatat mill-Qorti ghoxrin (20) gurnata zmien biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tad-19 ta' Dicembru 1995 a fol. 12 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat lis-socjeta' attrici biex taghmlilha *extra works* li fil-fatt ma humiex *extra works* peress illi jiffurmaw parti integrali mix-xoghol ordnat meta sar il-ftehim u l-kuntratt ghall-installazzjoni tal-*lift*.

2. Illi minghajr pregudizzju s-socjeta' konvenuta, bhala gest ta' *buona volonta* accettat li thallas Lm999.67 u mhux Lm6,600 kif qed tirreklama s-socjeta' attrici ghal xi *extra works* li dwarhom seta' kien hemm xi ekwivoku.

3. Illi mhu xejn onorevoli l-attegjament tas-socjeta' attrici li tipprezenta att ta' citazzjoni proprju waqt li ghaddejjin trattattivi, fuq inizjattiva tal-eccipjent, sabiex tinsab soluzzjoni amikevoli.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta a fol. 13 sa 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta' Jannar 1996 u tas-7 ta' Marzu 1996 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri. Rat il-verbali tal-11 ta' Novembru 1996 fejn fuq talba ta' Dr. Paul Gauci Maistre ghas-socjeta' konvenuta l-Qorti nnominat lill-Inginier Carmel Cuschieri bhala espert tekniku biex jirrelata fuq it-talbiet attrici, tat-12 ta' Frar 1997, tal-14 ta' Mejju 1997, tal-31 ta' Ottubru 1997, tal-4 ta' Frar 1998, tal-20 ta' April 1998 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku biex f'kaz ifittex jespleta l-inkariku lilu moghti u fin-nuqqas li jaghmel dan, jidher fis-seduta li jmiss biex jindika lill-Qorti xi problemi qed izommuh milli jirredigi l-istess rapport. Rat il-verbal tat-28 Ottubru 1998 fejn ghal darb' ohra il-Qorti wissiet lill-Perit Tekniku – li rega' naqas li

jidher – li f'nuqqas li jirredigi r-rapport jew jidher quddiemha fis-seduta li jmiss tikkundannah ghad-disprezz. Rat il-verbali tat-13 ta' Jannar 1999 fejn deher il-Perit Tekniku u nforma lill-Qorti li ghandu jipprezenta r-rapport dakinhar stess, tas-17 ta' Frar 1999 fejn il-Perit Tekniku l-Inginier Carmel J. Cuschieri halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku (fol. 33 sa 78).

Rat il-verbali tat-28 ta' Mejju 1999 fejn il-Professur Refalo talab li jeskuti lill-Perit Tekniku, tad-19 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku biex fi zmien gimgha jinserixxi x-xhieda kollha miktuba u relattiva ghall-kawza. Rat il-verbali tat- 2 ta' Frar fejn il-Qorti ordnat lil Professur Refalo – li naqas li jidher – biex b'nota jindika x'domandi ghandu ghall-Perit Tekniku in eskussjoni.

Rat il-verbali tal-24 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta, tat-12 ta' Ottubru 2000, tas-7 ta' Dicembru 2000, tat-28 ta' Frar 2001u tat-3 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti rrilevat li jekk ma jitharrikx il-Perit Tekniku mill-partijiet, tghaddi ghas-sentenza.

Rat in-nota tat-28 ta' Mejju 2001 (fol. 95 sa 96) tas-socjeta' attrici li biha tindika lill-Qorti d-domandi li tixtieq taghmel lill-Perit Tekniku.

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2001, tat-23 ta' Ottubru 2001 fejn il-Perit Tekniku Carmel Cuschieri pprezenta bil-gurament tieghu risposti ghall-kweziti maghmula lilu mill-partijiet. Rat l-istess nota tal-Perit a fol.101 u 102. Rat il-verbali tat-13 ta' Novembru 2001 fejn xehed il-Perit Tekniku Cuschieri, tal-10 ta' Jannar 2002 fejn il-Qorti ppreﬁggiet terminu ta' 30 gurnata lill-parti attrici biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-kontro-parti jkollha wkoll 30 gurnata biex tirrispondi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet Tas-socjeta' konvenuta tas-7 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-azzjoni attrici tikkonsisti f'talba kontra s-socjeta' konvenuta sabiex din tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' Lm6,660 rapprezentanti prezz ta' xoghol *extra* ordnat mis-socjeta' konvenuta fuq kuntratt ta' appalt ghal stallazzjoni ta' lift.

Illi s-socjeta' konvenuta kkontendiet li hija qatt ma ordnat l-ebda xoghol *extra* ghalkemm kienet pronta li thallas bona volonta' taghha l-ammont ta' Lmm999.67, ghalkemm l-azzjoni attrici lanqas kellha tigi istitwita peress li l-partijiet

kienu qed izommu trattativi sabiex jinstabu soluzzjonijiet amikevoli; illi l-istess socjeta' konvenuta sostniet li x-xoghol lanqas tlesta kif xtaqet peress li ma sarx skond is-*safety requirements* u dan kif indikat fid-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta a fol. 13 tal-process.

Illi ghalhekk bhala bazi tal-azzjoni attrici jinghad li essenzjalment ilment tas-socjeta' konvenuta huwa fis-sens li hija qatt ma ordnat ix-xoghol *extra* indikat mis-socjeta' attrici.

Illi rizulta li x-xoghol *extra* rikjamat mis-socjeta' attrici kien is-segwenti:-

(a) *Expanded metal cover tal-frame* tal-qies ta' *circa* 2.3m. x 1.5.m.

(b) Frame li jinkludi saqaf imzewzaq ta' *circa* 2.5m. x 1.5m. u sezzjoni ta' l-hajt ohra li hija *covered* bi *plastic laminate boards* ta' *circa* 2.5.m. x 1.5.m.

(c) Zebgha tal-*frame* u l-*cover* tal-*frame*.

(d) Saqaf ta' fuq il-lift shaft covered bi plastic laminate ta' qies *circa* 5m. x 2.3m.

(e) *Fibreglass sheet cover* fuq l-*expanded metal* fil-livell tal-bejt ta' *circa* 12.5m x 6m qies totali.

(f) *Cover* bil-*corrugated plastic sheet* taht is-saqaf li huma ta' qies *circa* 15m x 1.2m.

(g) *Cover* tal-*expanded metal* fuq l-istruttura kollha b'qies totali *circa* 18m x 5m u 7.5m. x 9m.

Illli s-socjeta' konvenuta gibdet l-attenzjoni lill-perit tekniku ghas-segwenti lanjanzi mis-socjeta' attrici u cjoe' li:

a) L-bibien t'isfel ma jahdmux u fil-fatt dawn gew skonnettjati.

b) Il-bibien qatt ma setghu hadmu minghajr mutur.

c) Li ir-rati iccargjati ghal kisi bil-*plastic sheeting* u *expanded metal* kienu eccessivi.

d) Iz-zebgha kellha tkun parti integrali mill-*finishing* tax-xoghol li kellu jsir.

Illi mir-relazzjoni peritali jirrizulta li l-perit tekniku spezzjona l-*lift pit* li huwa ta' fond *circa* 0.4m. Dan il-*pit* ma setghax jigi aktar fond ghax kien gej hafna imma meta saret l-*excavation*.

Illi l-istess perit tekniku gibed l-attenzjoni tal-partijiet li kien perikoluz li *lift* jithaddem bil-*landing doors tal-ground floor* miftuha u dawn kellhom jigu rrangati u mhaddma. Huwa wkoll gibed l-attenzjoni tal-partijiet li kellhom iqabbdu

nginier biex jaghmel *test* u johrog *safety certificate* fuq il-*lift* biex ikunu konformi mal-ligi u jigi evitat periklu.

Illi l-istess perit tekniku wara li ghamel l-osservazzjonijiet tieghu necessarji u wara li ha konjizzjoni ta' dak indikat minnu fir-relazzjoni peritali u semgha x-xhieda migjuba quddiemu gibed dawn is-segwenti konkluzjonijiet:

1. Is-socjeta' konvenuta ghamlet ordni ghal *goods lift* minghand is-socjeta' attrici.

2. Din l-ordni saret *a bazi* ta' stima ta' Lm9,500 li saret minn Atlas Tool Engineering Co. Ltd u li tinsab esebita bhala Dok. "AT1".

3. Din l-ordni giet ikkonfermata permezz ta' ittra Dok. "AT2" u li giet iffimata miz-zewg partijiet.

4. Dawn iz-zewg dokumenti huma l-bazi tal-ftehim ta' bejn il-partijiet u juru l-limitu u l-kwantita tax-xoghol li kien hemm inkluz fl-istima ta' Lm9,500.

*5.* Minn dan jirrizulta li x-xoghol inkluz fil-ftehim originali kien jinkludi:

a) L-istruttura tal-hadid skond id-disinn tal-Perit Karmenu Busuttil skond id-Dok. "PM1", "PM2", "PM3" u "PM4".

b) Xoghol tal-kabina.

c) Bibien tal-kabina *vertical opening*.

d) *Counterweight.*

e) *Assembly* tal-*hoist motor* provdut mill-konvenut.

f) Il-kabina kellha tkun ta' qies 2300mm x 5000mm.

g) Ikollu kapacita' ta' 5 *tons*.

h) Il-bibien jinfethu fuq zewg nahat.

i) Il-*lift* jieqaf fuq tliet livelli.

j) L-installazzjoni tal-elettriku kellu jsir minn terzi.

k) Il-*lift* kellu jigi ccertifikat li kien skond is-safety standards.

l) Ix-xoghol kellu jitlesta fi zmien tmien gimghat mid-data tal-ftehim u mill-ghoti tad-depozitu.

m) Il-pagamenti li kellhom isiru kienu:

| | |
|---|---|
| Lm3,500.00 | *deposit* |
| Lm3,000.00 | kif il-*lift* jitlesta |
| Lm3,000.00 | 30 gurnata wara. |

Illi minn dak li gie miftiehem, ix-xoghol sar kollu skond il-ftehim barra dan li gej:

a) Il-bibien ma gewx jinfethu vertikali.

b) Il-kapacita' tidher li hija inqas minn 5 tunnellati.

c) Ic-certifikazzjoni tal-*lift* ma saritx wara li tlesta.

d) Ix-xoghol tlesta xi sena u nofs wara li sar il-ftehim.

Illi l-bibien gew immodifikati biex jifthu *horizontal* u gew *motorised*. Dan sar peress li l-bibien kif saru originarjament kienu jinfethu b'diffikulta' u bil-muturi fil-bibien dawn kienu iktar facli biex jinfethu u jintuzaw..

Illi ghalkemm fl-istima ma hemm xejn indikat, il-perit tekniku kien tal-opinjoni li l-hadid tal-istruttura li kien *prone* ghall-*corrosion* kellu jigi mizbugh inkluz fl-ewwel prezz miftiehem.

Illi d-disinn skond Dok "PM1" sa "PM4" ma jaghti ebda nformazzjoni ohra rigward l-ammont ta' xoghol li kellu jsir mis-socjeta' attrici u kien biss il-*working drawing* li fuqu inhadem il-*lift*. Fil-fatt l-istruttura tal-*lift* inhadmet skond dan id-disinn.

Illi x-xoghol strutturali sar mill-konvenut u waqt li kien qed jithaffer il-*pit* inqalghat il-problema tal-ilma u fil-fatt il-*pit* thaffret biss ghal fond ta’ 0.4 metri.

Illi l-pagamenti saru b’dan il-mod:

| | | |
|---|---|---|
| a) | Lm3,500.00 | depozitu |
| b) | Lm2,000.00 | fl-14 ta’ Jannar 1994 |
| c) | Lm3,000.00 | fl-14 ta’ Novembru 1994 |
| d) | Lm1,000.00 | f’Jannar 1995 |

Illi l-perit tekniku kkostata li kien hemm nuqqas mis-socjeta’ attrici peress li l-*completion date* ma gietx onorata kif ukoll hemm nuqqas mis-socjeta’ konvenuta peress li xi pagamenti saru tard. Fl-opinjoni tar-relatant dawn iz-zewg nuqqassijiet innewtralizzaw lill-xulxin.

Illi huwa kompla hekk:-

*“Hafna mix-xoghlijiet li saru extra kien hemm necessita’ ghalihom izda in-nuqqas ta’ l-attur kien li ma gablux approval tal-konvenut waqt li x-xoghol kien ghadu qed isir”.*

*“In-norma hija li meta jkun sar kuntratt u waqt ix-xoghol jigi stabbilit li hemm necessita’ tax-xoghol extra, dan isir biss, wara li tkun saret stima ta’ dawn ix-xogholijiet u giet approvata mill-klient. Pero’ l-konvenut seta’ nduna li kien qed isir xoghol extra u jmissu talab stima ta’ dan ix-xoghol.*

Illi bhala konkluzjoni l-istess perit tekniku kkonkluda li x-xoghol li sar *extra* u li ghandu jigi mhallas *over and above* il-valur tal-kuntratt kien dan li gej, u dan stima ta' dan ix-xoghol maghmula mill-istess perit tekniku skond in-normi tas-suq fil-perjodu ta' meta sar ix-xoghol, liema stima tinkludi kemm materjal kif ukoll *labour* komplut.

| | | |
|---|---|---|
| (1) | 3 Muturi fuq il-bibien | Lm600.00 |
| (2) | *Cover* bl-*expanded metal* tal-istruttura | Lm 35.00 |
| (3) | *Frame* b'saqaf imzerzaq | Lm120.00 |
| (4) | *Cover* bil-*plastic laminate* | Lm 60.00 |
| (5) | Zebgha ghal expanded metal | Lm640.00 |
| (6) | Saqaf ta' fuq il-*lift shaft* | Lm150.00 |
| (7) | Cover tas-saqaf laminate plastic | Lm172.50 |
| (8) | *Fibreglass sheet cover* fil-livell tal-bejt | Lm300.00 |
| (9) | *Cover* bil-corrugated plastic taht is-saqaf | Lm270.00 |
| (10) | Cover tal-*expanded metal* tal-istruttura inkluz iz-zebgha | Lm1,580.00 |
| | TOTAL. | Lm3,927.50 |

Illi din l-istima tinsab f'paragrafu 16 tar-relazzjoni peritali a fol. 44 tal-process u skond l-istess perit tekniku l-*cost* tal-muturi tal-bibien ghandu jinqasam bejn il-partijiet peress li fl-opinjoni tal-istess relatant il-bibien huma kbar wisq, li jahdmu facilment bl-idejn kif kellhom jigu skond l-istima. Izda minn naha l-ohra l-konvenut qed igawdi minn din l-alterazzjoni. Ghalhekk Lm300.00 ghandhom jitnaqqsu mill-istima tax-xoghol *extra* kif indikata hawn fuq ghal total ta' Lm3,927.50

Illi l-istess perit tekniku xorta pero' kkonkluda li ghandu jsir *test* tas-*safety* immedjatament minn inginier li ghandu jipprezenta kopja ta' dan ic-certifikat lill-partijiet, bl-ispejjez assocjati ma dan it-*test* ikun a karigu u responsabilita' tas-socjeta' attrici, u wkoll li ghandu jsir *test* biex jigi stabbilit il-kapacita' tat-lift u li fil-fatt din tlahhaq il-5 tunnellati kif kien gie miftiehem.

Illi fl-ezekussjoni tieghu l-istess perit tekniku sostna li c-certifikat immarjat bhala Dok. "IR1" jissodisfa l-kumment tieghu dwar t-*test* li kellu jsir ghall-kapacita' tal-lift, u ghalhekk l-unika problema li jifdal hija dik li ssir is-*safety test* ai termini tar-regolamenti tal-**Ordinanza Dwar il-Fabbriki – Kap 107 tal-Ligijiet ta' Malta** li kienet vigenti dakinhar li gie kummissjonat ix-xoghol u li llum giet superata bl-Att Numru VII tal-1994 – **Att biex Jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol.**

Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha*

*sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et* vs Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandhux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammeno che' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".* Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenza **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002).

Illi fil-fatt *a bazi* tal-premess jidher li l-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar l-aspett tekniku tal-vertenza odjerna huwa addirittura kategoriku u l-konkluzjoni hija wahda skjetta u cara,  u fil-fatt dan jaghti biss ragun lis-socjeta' konvenuta f'parti biss mill-ilmenti taghha, fis-sens li parti biss mix-xoghol indikat bhala e*xtra* ghandhu jigi mhallas mis-

socjeta' konvenuta, u dan ghaliex l-istess socjeta' konvenuta kienet konxja li x-xoghol indikat mill-perit f'paragrafu 16 tar-relazzjoni tieghu ma kienx jifforma parti mill-ftehim u l-*ispecifications* originali u ghalhekk jirrizulta li dan effettivament sar mis-socjeta' attrici, a beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta, li ghandha tigi tenuta thallas ghall-istess, skond il-kalkoli u l-istimi tal-istess perit tekniku.

Illi fil-fatt jidher anke mill-eccezzjonijiet li l-istess socjeta' konvenuta kienet konxja ta' dijn is-sitwazzjoni peress li hija stess offriet somma superjuri ghall dik indikata fil-ftehim originali ghall-istess xoghol zejjed, u ghalhekk in verita' id-divergenza bejn il-partijiet kienet tirreferi ghall-kwantita' u n-natura tal-istess *extra works* milli l-kuncett ta' *extra works ut sic.*

Illi jidher ukoll car li l-istess rizultanzi tal-perit tekniku ma gewx ikkontestati bi provi konkreti mill-ebda wahda mill-partijiet u fil-fatt hadd minnhom ma talab li jigu nominati periti perizjuri, u ghalhekk fuq l-iskorta tal-istess din il-Qorti taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-istess perit tekniku, b'dan li tiffissa l-valur tal-istess xogholijiet *extra* li ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm3,927.50 b'dan pero' li tali ammont ghandhu jithallas wara li jinhareg *safety certificate* ai termini tal-ligi, liema *test* ghandhu jigi kondott mill-istess perit tekniku li qed jigi nominat ghall dan l-iskop, a spejjez tas-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn fuq indikat.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad in parte l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta in kwantu dawn jikkontrastaw l-azzjoni attrici ghall- hlas ta' *extra works,* **tilqa' it-talba attrici** limitatament ghal dak hawn indikat, b'dan illi:

2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija u tnejn u sebghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,927.50), prezz ta' xoghol *extra* esegwit mis-socjeta' attrici a beneficcju tas-socjeta' konvenuta fuq kuntratt ta' appalt, b'dan pero' li tali somma tigi dovuta hekk kif jinhareg *safety certificate* skond il-ligi mill-perit tekniku Carmel J. Cuschieri fuq l-istess *lift,* liema perit tekniku qed jigi hawn innominat ghal tali skop, a spejjez tas-socjeta' attrici,

Illi l-ispejjez tal-kawza, hlief dawk fuq premessi dwar s-*safety certificate* li ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici, ghandhom jinqasmu bin-nofs (50% - 50%) bejn il-partijiet, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-hrug tas-*safety certificate* (li ghandhu jigi prezentat b'nota fl-atti ta' din il-kawza a karigu tas-socjeta' attrici) li eventwlalment jinhareg

mill-perit tekniku sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Marzu, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Marzu, 2002**

Il-Qorti b'digriet tat-2 ta' Mejju 2002 ordnat li skond l-**Artikolu 825 (1)** l-ammont tas-sorte ghandu jaqra tliet elef, sitt mija u tnejn u sebghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,627.50).

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Mejju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Mejju 2002**